

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

P8_TA(2017)0414

Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (l-"ELD") (2016/2251(INI))

(2018/C 346/24)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem l-"ELD"),
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (COM(2016)0204),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 4 u 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-emenda għal-ELD bid-Direttiva 2006/21/KE ⁽³⁾ dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni, id-Direttiva 2009/31/KE ⁽⁴⁾ dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju, u d-Direttiva 2013/30/UE ⁽⁵⁾ dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (SWD(2016)0121), li jakkumpanja r-rapport tal-Kummissjoni (COM(2016)0204),
- wara li kkunsidra n-nota tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "The implementation of the Environmental Liability Directive: a survey of the assessment proċess carried out by the Commission" ⁽⁶⁾ (L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali: sħarriġ tal-proċess ta' valutazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni biex jiġu ppreparati rapporti ta' inizjattiva proprja,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0297/2017),

⁽¹⁾ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

⁽²⁾ ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114.

⁽⁵⁾ ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66.

⁽⁶⁾ PE 556.943.

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

- A. billi, skont l-Artikolu 191(1) tat-TFUE, il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu objettivi, bħall-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini tagħha, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-promozzjoni tal-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali li jindirizzaw il-problemi ambjentali globali jew reġjonali;
- B. billi l-Artikolu 191(2) tat-TFUE jistipula li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent irid ikollha l-mira li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni u għandha tkun imsejsa fuq il-prinċipju ta' prekawżjoni u fuq prinċipji li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva, u li d-dannu ambjentali jenħtieġ li, bħala prijorità, jiġi rettifikat;
- C. billi l-Artikolu 11 tat-Trattat TFUE, jistipula li r-rekwiżiti għall-ħarsien tal-ambjent iridu jkunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli;
- D. billi l-Artikolu 192 tat-TFUE jagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-inkarigu li jidentifikaw l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex jintlaħqu l-oġettivi ġenerali tal-Unjoni li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent ⁽¹⁾;
- E. billi l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jitlob li livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tiegħu ikunu integrati fil-politiki tal-Unjoni u għandhom jiġu żgurati skont il-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli;
- F. billi strateġija ambjentali kkoordinata fl-Unjoni kollha hija mod ta' kif tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni u jiġi żgurat li l-politiki tal-Unjoni jkunu konsistenti ma' xulxin;
- G. billi l-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-ELD japplika biss għal danni ambjentali lill-bijodiversità (speċijiet u habitats naturali protetti), l-ilma u l-art, ikkawżati minn operaturi;
- H. billi biex tiġi koperta r-responsabbiltà għal dannu ambjentali ġie żviluppat b'mod spontanju suq ta' sigurtà finanzjarja li, madankollu jista' ma jkunx biżżejjed biex ikopri każijiet speċifiċi, bħall-SMEs, jew tipi partikolari ta' operazzjonijiet (pjattaformi offshore, faċilitajiet nukleari, eċċ.);
- I. billi l-applikazzjoni inkonsistenti tal-ELD hija dovuta, primarjament, fost kwistjonijiet oħrajn, għad-diffikultajiet biex jiġi aċċertat jekk id-dannu għal riżorsa naturali jkunx qabeż il-limitu previst, u għall-fatt li bosta Stati Membri m'għandhom l-ebda proċedura biex jeżaminaw il-kummenti u l-kritika mill-NGOs ambjentali jew korpi oħrajn ikkonċernati;
- J. billi f'ħafna Stati Membri, bosta partijiet ikkonċernati (NGOs ambjentali, kumpaniji tal-assigurazzjoni, operaturi, u fuq kollox l-awtoritajiet kompetenti), m'għandhomx biżżejjed, u xi drabi m'għandhomx affattu, għarfien dettaljat tal-ELD, anki minħabba n-nuqqas ta' dokumenti ta' gwida li jistgħu jgħinu t-traspożizzjoni leġiżlattiva;
- K. billi ħafna Stati Membri għamlu progress lejn il-kisba effikaċi tal-għanijiet ewlenin tal-prevenzjoni u r-rimedju għal dannu ambjentali; billi, madankollu, fxi ftit Stati Membri l-infurzar tal-ELD għadu insuffiċjenti;
- L. billi sejbiet xjentifiċi ġodda juru li t-tniġġis minn attivitajiet industrijali jista' jolqot kemm l-ambjent kif ukoll lill-bnedmin b'modinsuspettabbli u li dan idghajjed is-saħħa tal-bniedem, is-sostenibbiltà, il-bilanċ tal-proċessi bijoloġiċi u bijoevolutivi;

⁽¹⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2010, *ERG et al*, C-378/08, ECLI:EU:C:2010:126, paragrafu 45; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2010, *ERG et al*, C-379/08 u C-380/08, ECLI:EU:C:2010:127, paragrafu 38; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2010, *Buzzi Unicem SpA et al*, C-478/08 u C-479/08, ECLI:EU:C:2010:129, paragrafu 35.

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

1. Jirrikonoxxi l-importanza tal-istudji u r-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ELD u l-impatt tagħha fuq l-Istati Membri kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tagħha għall-implimentazzjoni effikaċi u koerenti tad-Direttiva billi tagħti prijorità l-armonizzazzjoni ta' soluzzjonijiet u prattiki nazzjonali f'qafas ta' responsabbiltà legali usa'; jilqa' f'dak il-kuntest l-iżvilupp tal-Programm ta' Ħidma Pluriennali (MAWP) tal-ELD għall-perjodu 2017-2020;
2. Josserva bi tħassib li l-konklużjonijiet ta' dawn ir-rapporti juru stampa allarmanti tal-implimentazzjoni reali tal-ELD, u jinnota li d-Direttiva ġiet trasposta b'mod inkonsistenti u superfiċjali minn ħafna Stati Membri;

L-Istat attwali ta' implimentazzjoni tal-ELD

3. Jinnota li diversi Stati Membri naqsu milli jirrispettaw id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni tal-ELD u kien biss f'nofs l-2010 li din ġiet trasposta f'kull wieħed mis-27 Stat Membru;
4. Iqis li, minħabba s-setgħat diskrezzjonali mogħtija fl-ELD u n-nuqqas sinifikanti ta' ċarezza u ta' applikazzjoni uniformi tal-kunċetti ewlenin, kif ukoll tal-kapaċitajiet u l-kompetenzi mhux żviluppati biżżejjed, it-traspożizzjoni tal-ELD f'sistemi nazzjonali ta' responsabbiltà ma wasslitx għal kundizzjonijiet ekwi u li, kif ikkonfermat fir-rapport tal-Kummissjoni, attwalment hija totalment differenti kemm f'termini legali kif ukoll f'dawk prattiċi, b'varjabbiltà kbira fl-ammont ta' każijiet bejn l-Istati Membri; għalhekk huwa tal-opinjoni li huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex tista' sseħħ standardizzazzjoni regolatorja fl-UE kollha;
5. Jinnota li dan in-nuqqas ta' uniformità huwa wkoll dovut għan-natura ġenerika tal-ELD, li tfasslet skont il-mudell tad-direttiva qafas;
6. Jiddispaċi li, minkejja l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni dwar traspożizzjoni tardiva u kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' konformità u li, minkejja l-flessibbiltà kbira mogħtija mill-ELD, seba' Stati Membri għad iridu jsolvu għadd ta' kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità;
7. Jinnota li l-inkonsistenzi fost l-Istati Membri dwar kif jirrappurtaw każijiet ta' dannu ambjentali li jiskattaw l-applikazzjoni tal-ELD ⁽¹⁾ jistgħu jiġu attribwiti għall-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tagħhom minflok l-ELD;

Il-limiti tal-effikaċja tal-ELD

8. Josserva li l-effikaċja tal-ELD tvarja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri differenti;
9. Jirrimarka li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni differenti "tal-limitu minimu ta' materjalità" għad-dannu ambjentali jikkostitwixxu wieħed mill-ostakoli ewlenin għall-applikazzjoni uniformi u effikaċi tal-ELD, filwaqt li data preċiża dwar spejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi, inkluża data dwar l-applikazzjoni ta' rimedju komplementari u kompensatorju, hija limitata, pjuttost diverġenti, u għan-negozji mhijiex disponibbli affattu;
10. Jiddeplora l-fatt li skont l-ELD, l-inċidenti jiġu definiti bħala "serji" biss jekk iwasslu għal imwiet jew korrimenti serji, mingħajr ebda referenza għall-konsegwenzi ambjentali; jenfasizza għalhekk li anke jekk ma jwassalx għal imwiet jew korrimenti serji, inċident jista' jkollu impatt serju fuq l-ambjent, minħabba l-iskala tiegħu jew minħabba li jaffettwa, pereżempju, żoni protetti, speċijiet protetti jew habitats partikolarment vulnerabbli;

⁽¹⁾ Skont ir-rapport tal-Kummissjoni (COM(2016)0204), bejn April 2007 u April 2013, l-Istati Membri rrapportaw madwar 1 245 każ ikkonfermat ta' dannu ambjentali li skattaw l-applikazzjoni tal-ELD. Barra minn hekk, skont l-istess rapport, l-għadd ta' każijiet ivarjaw b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor. Aktar minn 86 % tal-każijiet kollha rrapportati ġejjin minn żewġ Stati Membri (l-Unġerija: 563, il-Polonja: 506 każ), u l-biċċa l-kbira tal-każijiet li jifdal ġew irrapportati minn sitt Stati Membri (60 mill-Ġermanja, 40 mill-Greċja, 17 mill-Italja u 8 mil-Latvja, minn Spanja u mir-Renju Unit). Fl-2007, 11-il Stat Membru ma rrapportawx inċidenti bħal dawn, possibbilment għaliex huma jittrattawhom esklussivament taħt is-sistema nazzjonali tagħhom.

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

11. Jiddispyaċi li hemm attivitajiet b'impatti negattivi potenzjali fuq il-bijodiversità u l-ambjent, bħat-trasport bil-pipelines ta' sustanzi perikolużi, l-estrazzjoni, u l-introduzzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi, li bħalissa mhumiex koperti mir-rekwiżit għal responsabbiltà stretta; jinnota li, b'mod partikolari għal dannu għall-bijodiversità, l-attivitajiet elenkati fl-Anness III ma jkoprox b'mod suffiċjenti s-setturi li jistgħu potenzjalment jikkawżaw dannu;

12. Iqis li fl-Artikolu 1 tal-ELD il-qafas tar-responsabbiltà ambjentali jenħtieġ li jitwessa' biex jinkludi r-riabilitazzjoni ambjentali u r-restawr ekoloġiku għall-kundizzjoni bażi wara li jkunu ntemmew l-attivitajiet okkupazzjonali, anke meta d-danni ambjentali jkunu kkawżati minn attivitajiet jew emissjonijiet awtorizzati espressament mill-awtoritajiet kompetenti;

13. Jenfasizza li l-partijiet ikkonċernati kollha rrappurtaw problemi biex iżommu lill-operaturi strettament responsabbli għal attivitajiet perikolużi skont l-Anness III għall-ELD, fir-rigward ta' suċċessuri tal-partijiet terzi responsabbli ⁽¹⁾;

14. Ifakkar l-esperjenzi fl-implimentazzjoni tal-garanziji finanzjarji attwali, li wrew nuqqasijiet fir-rigward tal-iżgurar li l-operaturi jkollhom assigurazzjoni effettiva għal obbligi finanzjarji meta jkunu responsabbli għal dannu ambjentali, u jinsab imħasseb dwar il-każijiet fejn l-operaturi ma kinux f'pożizzjoni li jerfgħu r-responsabbiltà tal-ispejjeż għar-rimedju ambjentali;

15. Jenfasizza li għad hemm il-problemi rigward l-applikazzjoni tad-direttiva għal inċidenti fuq skala kbira, speċjalment meta ma jkunx possibbli li jiġi identifikat l-individwu responsabbli għat-tniġġis u/jew l-individwu li jniġġes isir insolventi jew ifalli;

16. Jinnota li l-ispejjeż għad-dannu ambjentali għall-operaturi responsabbli jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' strumenti ta' sigurtà finanzjarja (li jkopru l-assigurazzjoni u strumenti alternattivi, bħal garanziji bankarji, bonds, fondi jew titoli); jemmen li d-domanda fis-suq tas-sigurtà finanzjarja għall-ELD hija baxxa minħabba l-għadd żgħir ta' każijiet li jseħħu f'ħafna Stati Membri, in-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward ta' xi kunċetti stipulati tad-Direttiva u l-fatt li f'ħafna Stati Membri, skont il-livell tal-maturità tas-suq f'dawn l-istrumenti, il-mudelli ta' assigurazzjoni għandhom it-tendenza li jinbtu b'pass kajman;

17. Josserva li l-possibilità li jittejjeb l-għoti ta' garanziji finanzjarji hija mfixkla minn-natura insuffiċjenti u kontradittorja tad-data dwar il-każijiet tal-ELD fil-pussess tal-UE;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jaċċeleraw l-iżvilupp ta' strumenti u swieq ta' garanzija finanzjarja mill-operaturi ekonomiċi u finanzjarji xierqa, inklużi mekkaniżmi finanzjarji fil-każ ta' insolvenza, bl-għan li l-operaturi jkunu jistgħu jużaw garanziji finanzjarji biex ikopru r-responsabbiltajiet tagħhom;

19. Jiġbed l-attenzjoni għall-istudju tal-Kummissjoni dwar il-fattibbiltà tal-kunċett ta' faċilità ta' kondiviżjoni tar-riskju tad-diżastri industrijali fl-UE kollha ⁽²⁾ u jenfasizza l-ħtieġa li jsiru analiżi ulterjuri u studju tal-fattibbiltà aktar fil-fond dwar il-kwistjonijiet ġuridiċi u finanzjarji ewlenin;

20. Jilqa' l-fatt li, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ELD f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċijiet u l-ambjenti naturali protetti, nofs l-Istati Membri jadottaw kamp ta' applikazzjoni usa' (il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit);

⁽¹⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Marzu 2015, Ministero dell' Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare et al v Fipa Group Srl et al, C-534/13, ECLI:EU:C:2015:140.

⁽²⁾ Study to explore the feasibility of creating a fund to cover environmental liability and losses occurring from industrial accidents (Studju li jespjora l-fattibbiltà tal-ħolqien ta' fond li jkopri r-responsabbiltà ambjentali u t-telf imġarrab minħabba inċidenti industrijali), Rapport Finali, Kummissjoni Ewropea, DG Ambjent, 17 ta' April 2013.

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

21. Iqis li fost id-diversi każijiet ta' nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-ELD hemm ukoll in-nuqqas ta' proċedura amministrattiva standard li għandha tiġi applikata biex jiġu nnotifikati l-awtoritajiet kompetenti dwar dannu ambjentali fattwali jew periklu imminenti ta' dannu ambjentali; jiddispijaci, għalhekk, li m'hemm l-ebda obbligu li jiġu ppubblikati t-tali notifiċi jew l-informazzjoni dwar kif il-każijiet ġew ittrattati; jinnota li xi Stati Membri identifikaw din il-limitazzjoni fil-leġiżlazzjoni tagħhom u b'hekk stabbilixxew bażijiet ta' data dwar in-notifiċi/l-inċidenti/il-każijiet; jirrimarka, madankollu, li l-prattika tvarja b'mod wiesa' minn Stat Membru għal ieħor u hija pjuttost limitata;

22. Jenfasizza li r-reġimi ta' kumpens iridu jkunu jistgħu jindirizzaw talbiet transfruntiera b'mod effettiv, rapidu u fi żmien raġonevoli u mingħajr diskriminazzjoni fost ir-rikorrenti ta' pajjiżi differenti taż-Żona Ekonomika Ewropea; jirrakkomanda li dawn jenħtieġ li jkopru kemm id-danni primarji kif ukoll daww sekondarji fiż-żoni affettwati kollha, peress li tali inċidenti jaffettwaw żoni akbar u jaf ikollhom impatt fuq żmien twil; jenfasizza b'mod speċjali l-ħtieġa li l-pajjiżi ġirien, li mhumiex membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, jirrispettaw id-dritt internazzjonali rigward il-protezzjoni u r-responsabbiltà ambjentali;

23. Itenni li skont l-Artikolu 4(5) tal-ELD, id-direttiva tapplika biss għal danni ambjentali jew periklu imminenti ta' danni ambjentali kkawżati minn tniġġis ta' natura mifruxa, meta huwa possibbli li tiġi stabbilita rabta kawżali bejn id-danni u l-attivitajiet tal-operatur individwali; itenni wkoll li l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) kien, fir-Rapport tiegħu tal-2013, diġà stabbilixxa relazzjoni kawżali rigoruża bejn l-emissjonijiet ta' gassijiet u d-dannu relatat mat-tibdil fil-klima u l-ambjent ⁽¹⁾;

Suġġerimenti għal armonizzazzjoni aħjar tad-ELD

24. Jappella sabiex l-ELD tiġi riveduta mill-aktar fis, kif ukoll li tiġi riveduta d-definizzjoni ta' "dannu ambjentali" stabbilita fl-Artikolu 2(1) tad-direttiva, speċifikament fir-rigward tal-kriterji biex jiġu ddeterminati l-effetti negattivi fuq l-ispeċijiet u l-habitats protetti (Anness I), u tar-riskji ta' dannu lill-ilma u lill-art, bil-għan li ssir effettiva, konsistenti u koerenti biżżejjed biex iżżomm il-pass mal-evoluzzjoni rapida tas-sustanzi niġġiesa minn attivitajiet industrijali;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara, tiddefinixxi u tistabbilixxi fid-dettall il-kunċett ta' "livell minimu ta' materjalità" u tivvaluta l-limiti tar-responsabbiltà massimi differenzjati għall-attivitajiet, sabiex tistandardizza l-applikazzjoni tal-ELD fl-Istati Membri kollha;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi interpretazzjoni ċara u koerenti tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-"istatus favorevoli tal-ħarsien" (territorju tal-UE, territorju nazzjonali, żona ta' pajsaġġ naturali); iqis, f'dan ir-rigward, li hemm il-ħtieġa ta' approċċ speċifiku għas-sit biex tiġi żgurata implimentazzjoni korretta u effikaċi;

27. Jitlob lill-Kummissjoni tidentifika r-regoli meħtieġa biex tiġi stabbilita distinzjoni ċara u indiskutibbli bejn il-każijiet fejn tapplika l-ELD u daww fejn jenħtieġ li tapplika r-regola nazzjonali, fil-każ li din tkun aktar stretta;

28. Jinnota li t-tniġġis tal-arja huwa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u skont l-Eurostat, it-tniġġis tad-dijossidu tan-nitroġenu u tal-materja partikolata jippreżenta riskji serji għas-saħħa; jappella, f'dan il-kuntest, biex l-"ekosistemi" jiddaħħlu fid-definizzjonijiet ta' "dannu ambjentali" u "riżorsi naturali" fl-Artikolu 2; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni teżamina l-possibiltà li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ELD u timponi r-responsabbiltà għad-dannu għas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, inkluż id-dannu lill-arja ⁽²⁾;

⁽¹⁾ IPCC, 2013: Climate Change 2013: The Physical Science Basis. Contribution of Working Group I to the Fifth Assessment Report of the Intergovernmental Panel on Climate Change" (Tibdil fil-Klima 2013: Il-Bażi tax-Xjenza Fiżika. Kontribuzzjoni tal-Grupp ta' Ħidma I għall-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima) (Stocker, T.F. et al. Cambridge University Press, Cambridge, United Kingdom and New York, NY, USA, 1535 pp, doi:10.1017/CBO9781107415324).

⁽²⁾ Din il-possibiltà tqieset fid-dokument tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2014 "Study on ELD Effectiveness: Scope and Exceptions" (Studju dwar l-effikaċja tal-ELD: Kamp ta' applikazzjoni u Eċċezzjonijiet), p. 84.

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

29. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi sigurtà finanzjarja obligatorja, pereżempju assigurazzjoni ta' responsabbiltà ambjentali obligatorja għall-operaturi, u tiżviluppa metodoloġija armonizzata tal-UE għall-kalkolu tal-limiti massimi tar-responsabbiltà, filwaqt li tqis il-karatteristiċi ta' kull attività u ż-żona ta' madwarha; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li twaqqaf fond Ewropew għall-protezzjoni tal-ambjent minn danni kkawżati minn attività industrijali koperta bl-ELD ⁽¹⁾, mingħajr ma ddgħajjef il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, għal riskji ta' insolvenza u biss f'każijiet fejn is-swieq tas-sigurtà finanzjarja jfallu; iqis li l-istess jenħtieġ li japplika għal każijiet ta' aċċidenti fuq skala kbira, meta jkun impossibbli li jiġi traċċat l-operatur responsabbli għad-dannu;
30. Jappella biex kull operatur li jibbenefika mit-twettiq tal-attivitàjiet ikun responsabbli wkoll għal kwalunkwe dannu jew tniġġis ambjentali kkawżat minn dawk l-attivitàjiet;
31. Huwa tal-fehma li meta jitqiesu r-rilevanza u l-impatti potenzjali ta' diżastri relatati mal-industrija u r-riskji għas-saħħa tal-bniedem, għall-ambjent naturali u għall-proprjetà, jeħtieġ li jiġu miżjuda salvagwardji ulterjuri b'tali mod li ċ-ċittadini Ewropej jingħataw sistema ta' prevenzjoni u ġestjoni tad-diżastri sikura u soda bbażata fuq il-kondiviżjoni tar-riskji, responsabbiltà akbar tal-operaturi industrijali u l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"; jappella sabiex issir valutazzjoni dwar jekk huwiex neċessarju li fl-ELD jiddaħħal reġim ta' responsabbiltà ċivili għad-danni kkawżati lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent ⁽²⁾;
32. Jitlob l-adozzjoni ta' sistema ta' responsabbiltà sekondarja tas-suċċessuri tal-partijiet terzi responsabbli;
33. Jirrakkomanda li l-alternattiva li tkun meħtieġa responsabbiltà statali sussidjarja tkun obligatorja sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi u proattiva tal-leġiżlazzjoni;
34. Jitlob, barra minn hekk, it-tneħħija tal-alternattivi għall-għoti ta' eżoneru abbażi ta' permess u eżoneru abbażi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku b'tali mod li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, jiġi promoss il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u tittejjeb l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni;
35. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal spezzjonijiet ambjentali fil-livell Ewropew mingħajr aktar dewmien;
36. Iqis li, fil-kuntest ta' rieżami tal-ELD, l-estensjoni tar-responsabbiltà stretta għal attivitàjiet li mhumix inklużi fl-Anness III għal kull dannu ambjentali b'effetti avversi jenħtieġ li tkun priyorità, biex b'hekk tittejjeb l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u jingħataw inċentiv għall-operaturi biex iwettqu ġestjoni tar-riskju adatta għall-attivitàjiet tagħhom; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tistabbilixxi reġistru tal-operaturi li jwettqu attivitàjiet perikolużi u sistema ta' monitoraġġ finanzjarju li tiżgura li l-operaturi jkunu solventi;
37. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura l-applikazzjoni tal-ELD għal danni ambjentali kkawżati minn kwalunkwe attività okkupazzjonali u tiżgura responsabbiltà stretta tal-produttur;
38. Jitlob il-ħolqien ta' bażi ta' data Ewropea disponibbli għall-pubbliku ta' każijiet ta' dannu ambjentali koperti bl-ELD, fuq il-mudell, pereżempju, tas-sistema Irlandiża li tipprovdi sistema ta' rapportar onlajn għan-notifika ta' każijiet ta' dannu ambjentali, sabiex tinholqu fiduċja akbar fis-sistema tal-ELD u tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar; iqis li tali bażi ta' data pubblika tippermetti lill-partijiet ikkonċernati, lill-operaturi u liċ-ċittadini jsiru aktar konxji dwar l-eżistenza tar-reġim ELD u l-infurzar tiegħu u b'hekk tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u r-rimedju għad-danni ambjentali;

⁽¹⁾ Dwar din il-possibbiltà tista' ssir referenza għad-dokument ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fis-17 ta' April 2013 bit-titolu "Study to explore the feasibility of creating a fund to cover environmental liability and losses occurring from industrial accidents" (Studju biex jesplora l-fattibbiltà tal-ħolqien ta' fond li jkopri r-responsabbiltà ambjentali u telf li jirriżulta minn inċidenti industrijali).

⁽²⁾ Kif diġà previst fil-Portugall u kif invalutat fl-istudju tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2013 bit-titolu "Implementation challenges and obstacles of the Environmental Liability Directive (ELD)" (Sfidi ta' implimentazzjoni u ostakli għad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (ELD)), p. 75.

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

39. Jirrakkomanda li, sabiex il-bażijiet ta' data pubbliċi tal-każijiet tal-ELD jkunu faċilment aċċessibbli u effikaċi, dawn għandhom jiġu stabbiliti skont il-kriterji li ġejjin:

- għandhom ikunu disponibbli online u, fuq talba, għandha tingħata kull informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna l-każijiet,
- kull pajjiż għandu jkollu bażi ta' data ċentralizzata aktar milli bażijiet ta' data separati għal kull reġjun,
- in-notifiki dwar inċidenti ġodda jenħtieġ li jiġu ppubblikati immedjatament onlajn,
- kull każ irreġistrat fil-bażi tad-data jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar l-isem ta' dak li ħoloq it-tniġġis, in-natura u d-daqs tad-danni kkawżati, miżuri ta' azzjoni ta' prevenzjoni/rimedju meħuda jew li għandhom jittieħdu, u proċedimenti mwettqa minn/jew mal-awtoritajiet;

40. Jitlob li l-kategoriji ta' attivitajiet perikolużi mniżżla fl-Anness III jiġu estiżi biex jinkludu l-attivitajiet kollha li huma potenzjalment ta' dannu għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem;

41. Jenfasizza l-importanza ta' kultura ta' prevenzjoni tad-dannu ambjentali, permezz ta' kampanja sistematika ta' informazzjoni, li fiha l-Istati Membri jiżguraw li daww li potenzjalment iniġġsu u daww li potenzjalment ikunu l-vittmi jiġu infurmati dwar ir-riskji li għalihom huma esposti, dwar id-disponibbiltà ta' assigurazzjoni jew ta' mezzi finanzjarji u legali oħra li jistgħu jipproteġuhom minn daww ir-riskji u dwar il-vantaġġi li jistgħu jgawdu minnhom;

42. Iqis li l-każijiet kollha ta' responsabbiltà ppruvata, kif ukoll id-dettalji tal-penali imposti, jenħtieġ li jsiru pubbliċi sabiex il-kost reali tad-dannu ambjentali jkun trasparenti għal kulħadd;

43. Jissuġġerixxi l-ħolqien ta' mekkaniżmu li jista' jħeġġeġ kummenti u osservazzjonijiet minn NGOs ambjentali u entitajiet ikkonċernati oħra;

44. Jissuġġerixxi li jiġi previst il-ħelsien mit-taxxa jew forum oħra favorevoli ta' taxxa għall-kumpaniji li jimpenjaw ruħhom b'suċċess fil-prevenzjoni tad-dannu ambjentali;

45. Jirrakkomanda t-twaqqif ta' awtoritajiet indipendenti speċifiċi li jkollhom setgħat ta' ġestjoni u monitoraġġ kif ukoll is-setgħa li jimponu s-sanzjonijiet stipulati fl-ELD, inkluża l-possibbiltà li jintalbu garanziji finanzjarji mingħand il-partijiet potenzjalment responsabbli, b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika tal-individwu singolu li potenzjalment iniġġes, pereżempju fil-kuntest ta' permessi ambjentali;

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ELD adegwatament tappoġġa l-isforzi biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttivi tal-UE dwar l-Għasafar u dwar il-Habitats; jinsisti li l-awtoritajiet responsabbli għall-ispezzjonijiet ambjentali jridu jkunu involuti fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-liġi dwar ir-responsabbiltà ambjentali;

47. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-programm ta' tatriġ tagħha dwar l-applikazzjoni tal-ELD fl-Istati Membri u biex tistabbilixxi helpdesks għall-prattikanti li jipprovdu informazzjoni, assistenza u appoġġ fil-valutazzjoni tal-evalwazzjonijiet ta' riskju u ta' dannu; jirrakkomanda, barra minn hekk, li jiġu adottati dokumenti ta' gwida biex jgħinu lill-Istati Membri jitttrasponu l-leġiżlazzjoni b'mod korrett;

48. Itenni li, skont l-ELD, il-persuni milquta negattivament mid-danni ambjentali huma intitolati li jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjoni; jinnota wkoll li l-liġi tal-Unjoni tistipula li ċ-ċittadini Ewropej jenħtieġ li jkunu garantiti aċċess effettiv u f'waqtu għall-ġustizzja (l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Artikolu 6 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem) u li l-ispejjeż għad-dannu ambjentali jenħtieġ li jitħallsu minn min iniġġes (l-Artikolu 191 TFUE); jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva dwar standards minimi għall-implimentazzjoni tal-pilastru tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà li tintroduċi mekkaniżmi kollettivi ta' rimedju għal ksur tal-liġi ambjentali tal-Unjoni;

Il-Ħamis 26 ta' Ottubru 2017

49. Jitlob lill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' rieżami tal-ELD, tqis jekk tistax timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex jissottomettu rapporti kull sentejn dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva;

50. Iqis is-sanzjonijiet kriminali bħala deterrent importanti ieħor kontra d-danni ambjentali, u jinnota b'dispijaċir li d-Direttiva 2008/99/KE tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali mhijiex aġġornata; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni, mingħajr aktar dewmien, biex tirrieżamina l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex ikopri l-leġislazzjoni ambjentali applikabbli kollha tal-Unjoni;

o

o o

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.
